www.jesuit.org.mt

# Eżodu

*Kliem u Mużika: Josef Mario Briffa sj*

***C – D – B7 – Em – Am - B7 - Em***

***Em B7 Am – Em*** ***(Solista)***
Minn qiegħ l-art ta' l-Eġittu
***Em Am Em***
Smajt il-krib t'ulied Iżrael
***Am Em Am B7 Em***
Issa nżilt, neħlishom minn id il-Fargħun.

Ħilft li neħles dal-poplu
—Jien li Jien, Alla t'Abraham—
Ninżel jien, ninżel biex nagħtihom il-ħelsien.

***C G D*** ***(Kor)***
*Ejja, Jaħweh Ħellies*
***C G B7***
*Ejja, Alla setgħan*
***C D B7 Em***
*Ejja eħles dal-poplu illum*
***Am B7 Em***
*Hekk kif int darba wgħedt.*

***(Solista)***
Naħtar għalihom Messija
Nidlek qassis, profeta, sultan,
Ningħat ħellies, neħlishom jiena mill-ġdid.

Sagrifiċċju għal dejjem
Ibni imdendel m'għuda ta' salib
Inżilt jien, ħlisthom għal dejjem mill-imwiet.

***(Kor)***
*Ejja, Jaħweh Ħellies*
*Ejja, Alla setgħan*
*Ejja eħles dal-polu illum*
*Hekk kif int darba wgħedt.*
***Am B7 Em***
*Hekk kif int darba wgħedt.*